MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 93/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Mdalla SABRI**
**[ID. Nru. 61873A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-26 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf sitt mija u ghaxar euro u tnax-il ċenteżmu ta' euro [€1,610.12c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf sitt mija u ghaxar ewro u tnax-il centezmu (€1,610.12) in konessjoni ma' 79569238 (AC40174941), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Lulju, 2011.

Illi s-somma ta’ elf sitt mija u ghaxar ewro u tnax-il centezmu (€1,610.12) fuq indikata hija komposta minn tmien mija wiehed u sittin ewro u tnax-il centezmu (€861.12) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma seba’ mija disgha u erbghin ewro (€749) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2552/12”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-12 ta’ Gunju, 2013, nhar it-18 ta’ Gunju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Gunju, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf sitt mija u ghaxar euro u tnax-il ċenteżmu ta’ euro [€1,610.12c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------